FLORIANA
Borgo Vilhena

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

25 ta' Settembru 2009

**Minuti tal-Erbgha u Tletin (34) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah l-Erbgha u Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar l-Erbgha 26 ta' Awwissu 2009 fis-6.00pm b'kontinwazzjoni nhar it-Tlieta l-1 ta' Settembru 2009 fil-5.30pm.**

L-Erbgha u Tletin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji
5. FlorianaFest 2009
6. Kuntratt taz-Zamma tal-Gonna u Latrini Pubblici
7. L-użu tas-soft area ta' Triq il-Fosos
8. Zjara tas-Socjeta' Filarmonika Vilhena f'Macerata
9. Riżoluzzjoni specjali : - Attivita' Kunsill Lokali Floriana/Floriana Young Stars Hockey Club
10. Lejliet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna
11. Xoghlijiet ta' Resurfacing
12. Manutenzjoni ta' roqgħa art fi Triq il-Fosos
13. Għazla ta' Kwotazzjonijiet/Offerti:
    i. FLC/Q/07/09 – Provvista u Twahhil ta' Cast Iron Bollards
    ii. FLC/Q/08/09 – Provvista ta' PA System
14. L-indafa fil-Floriana
15. Proposta ta' żvilupp fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V
16. Ħwejjeġ oħra

Ghall-Erbgha u tletin (34) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano u l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat. Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata wara

materja no. 4.2. Il-laqgha kellha tieqaf minhabba nuqqas ta' kworum wara li l-Vici-Sindku Franco Davies talab li jkun skuzat wara materja no.5.

Ghall-kontinwazzjoni tal-erbgha u tletin (34) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Brian Zammit u l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat. Il-Kunsillier Brian Zammit talab li jkun skuzat wara materja no. 6.3.

**Bidu tal-laqgha:**

Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tlieta u tletin (33) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Vici-Sindku Franco Davies. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.3 Ittiehed vot favur il-mozzjoni bir-rizultat:

Favur: 3 (FD, ET, NH)
Kontra: 0
Astensjonjiet: 1 (SSH)

1.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili iddikjarat li r-raguni ghall-astensjoni taghha kienet minhabba l-fatt li ma kenitx prezenti ghal-laqgha precedenti minhabba ragunijiet ta' sahha.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Stephen Tonna, l-Editur tal-gazzetta "Il-Furjana" fejn informa lill-Kunsill li fil-harga specjali, ser jinholoq spazju fejn fih jinkiteb "il-Bord tal-Gazzetta "Il-Furjana" jirringrazzja lill-Kunsill Lokali Floriana ghall-kontribuzzjoni sostanzjali li ghamlet possibli l-hrug ta' din il-harga specjali." L-editur zied jghid ukoll li l-isem tal-Kunsill Lokali ser jkun imnizzel wkoll fuq il-lapida li ser issir u li ser titwahhal mal-faccatta tal-Oratorju. Il-Kunsill ghaldaqstant approva it-talba li kienet ghamlet il-gazzetta "il-Furjana" biex dawn iz-zewg progetti isiru bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Noel Fenech, is-Supritendent tal-Isptar Boffa, fejn oggezzjona ghall-kuncert li kien mahsub jittella' fil-Waterfront. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li l-Kunsill kien gie mitlub jitlob il-kummenti tal-isptar Boffa mis-Supritendent tal-Pulizija Alexandra Mamo. Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, ittiehed vot favur il-mozzjoni biex "*il-Kunsill Lokali Floriana, wara li gie dirett mill-Pulizija jitlob il-kummenti tal-isptar Sir Paul Boffa u wara li s-Supretendent ta' dan l-Isptar oggezzjona, il-Kunsill Lokali Floriana m'ghandux johrog permess ghal din l-attivita' ghax ma jridx li jigi akkuzat li qed johloq tbatija lill-pazjenti tal-isptar Sir Paul Boffa*", bir-rizultat tal-mozzjoni jkun:

Favur: 3 (NH, FD, SSH)
Kontra: 1 (ET)
Astensjonijiet: 0

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Kap tal-Iskola Primarja fejn saret talba biex ghal darb'ohra, il-Kunsill jaghti pakkett ta' kotba lil kull student li ser jibdew l-ewwel sena fl-iskola Primarja proprjament fl-ewwel gurnata tal-iskola taghhom. Il-Kunsill approva.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar Skema ta' Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf ghal-liema skema il-Kunsill kien diga applika. Il-Kunsill qabel li bhala attivita', ghandhom jitwahhlu banners b'messaggi edukattivi favur iz-zamma tal-indafa u l-ambjent.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza mill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijet Rurali fejn issuggerew li t-ftriq li fiha jinsab il-ministeru ghandha tigi msemmija ghall-Ing. Giovanni De Medici u t-triq ta' wara l-Ministeru tissemma' Triq l-Ing. Antonio Maurizio Valperga. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti r-risposta tieghu wara li tkun saret ricerka dwar dawn il-personaggi.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kwotazzjoni minghand Zrar Limited li tammonta ghal total ta' €1380 materjal biex issir kurduna f'partijiet tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill qabel li m'ghandux jaghmel kurduna kullimkien minhabba li din tigi tammonta ghal spiza kbira. Ghalhekk, il-Kunsill qabel biex is-Sindku bhala kunsillier responsabbli mill-infrastruttura u mill-gonna, jiddetermina iz-zoni fejn ghandha issir il-kurduna. Wara dan l-ezercizzju, ghandhom jintalbu kwotazzjonijiet mill-gdid.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-Memo 48/2009 fuq Fondi Specjali. Il-Kunsill qabel nem.con biex bhala progett ghal din l-iskema ghandu jigi ppropost il-Floriana Heritage Trail.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li ghadu kif sar trattament bhala kampjun fuq parti mill-bankina ta' Triq il-Kappuccini biex din ma tibqax tizloq fejn talab lill-membri tal-Kunsill biex jivverifikaw jekk dan it-trattament halliex effetti pozittivi.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-Awtorita'dwar il-Komunikazzjoni fejn informa lill-Kunsill li saru testijiet dwar ir-radjazzjoni ta' repeater li hemm fiz-zona ta' Pjazza Robert Samut u Triq l-Imhazeb wara li kien hemm xi preokkupazzjonijiet mirr-residenti ta' din iz-zona li dan ir-repeater seta jkun ta' detriment ghal sahhithom. Skond it-testijiet li ghamlet l-Awotorita' dwar il-Komunikazzjoni din iz-zona ghandha livelli aktar baxxi minn dak stipulat fil-ligi u ghaldaqstant mhux ta' detriment ghal sahhet ir-residenti.

2.10 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Link English School fejn il-Kunsill gie mistoqsi dwar meta l-Kunsill jixtieq li ssir il-mawra lejn Reggio Calabria. Minhabba li ghadha ma hargitx sejha ghal min hu interessat imur, il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi diskussa iktar 'il quddiem.

2.11 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-President tal-Floriana F.C. fejn talab lill-Kunsill biex jigi ippubblikat ktieb li ser ifakkar il-mitt sena mir-rebh tal-Kampjonat Malti tal-football, b'sehem kongunt bejn il-Floriana FC u l-Kunsill Lokali Floriana. Il-Kunsill qabel nem.con fil-principju li b'xi mod jaghti s-sehem tieghu izda il-Kunsill qabel li ghandha ssir laqgha mal-Floriana FC biex jinghataw iktar dettalji dwar din il-pubblikazzjoni.

2.12 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bil-laqgha li ser tittella' ghall-Kunsilliera mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali nhar il-5 ta' Settembru f'Bugibba. Il-Vici-Sindku Franco Davies ikkonferma l-attendendenza tieghu u ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu jibghat l-applikazzjoni tieghu fl-iqsar zmien possibli.

**Nota: Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat**

2.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Franco Naudi tal-Active Enterprises Co. Ltd. Il-Kunsill qabel li r-rampa li hemm fil-kantuniera li hemm bejn Triq Sarria u Triq l-Assedju l-

Kbir, ghandha titnehha peress li din qed taghti lok biex in-nies ma juzawx iz-zebra crossing li hemm zewg metri aktar ‘l isfel.

2.14 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-Memo 46/2009 bis-suggett Ftuh tal-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill nhar ta’ Sibt. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li l-imjegati prezenti tal-Kunsill (inkuz hu stess) mhumiex interessati li jidhlu xoghol fil-gurnata tas-Sibt. Ghaldaqstant, il-Kunsill iddecieda biex tinhareg sejha ghall-impjieg ta’ skrivan/a li ghandu jkun dispost biex jahdem is-Sibt halli l-ufficini tal-Kunsill Lokali jkun miftuh f’dan il-jum ukoll biex jilqa’ ilmenti u jaghti servizzi amministrattivi ohrajn.

2.15 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li fil-laqgha tas-Sotto-Kumitat ghall-Ambjent, Indafa u Infrastruttura, li saret nhar it-Tlieta 25 t’Awwissu, ic-chairperson Noel Galea Basin hareg b’suggeriment li ssir petizzjoni dwar l-istat ta’ abbandun ta’ Triq Sant’Anna. Kopja ta’ din il-petizzjoni tinsab annessa ma’ dawn il-minuti. Il-Kunsill qabel b’mod unanimu biex jipprocedi b’din il-petizzjoni u wara li jkunu ngabbru l-firem tintbaghat lill-awtoritajiet..

2.16 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li t-tabelli ta’ informazzjoni dwar ir-responsabbilta’ tal-Gvern Centrali tas-subways, li kien ghamel il-Kunsill mal-entraturi tas-subways kienu tnehhew. Il-Kunsill qabel biex dawn it-tabelli jergghu jsiru mill-gdid.

2.17 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ftehim mal-kumpanija G4S dwar is-servizz ta’ cash in transit. Peress li dan is-servizz kien dejjem sodisfacenti u peress li l-prezz baqa’ l-istess, il-Kunsill approva biex il-ftehim jigi estiz ghal seba’ xhur ohra, wara li l-ftehim li din il-kumpanija kellha mal-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kien skada.

**Nota: Il-Kunsillier Edward Torpiano rega’ attenda ghal-laqgha.**

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili saqsiet lis-Sindku jekk il-Kunsill jistax jiehu hsieb it-tindif tas-subways u dan wara li hija giet infurmata li t-tender ghar-riabilitazzjoni taghhom kien wasal biex jinhareg. Is-Sindku Nigel Holland spjega li l-Kunsill kien diga wera interess li jiehu is-subways taht idejh sakemm il-Gvern Centrali jghaddi il-finanzjament ghaz-zamma taghhom u partikolarment jekk dawn jinghatw lill-Kunsill fi stat tajjeb.

3.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili staqsiet ukoll dwar jekk ittiehdux passi dwar quad bikes li qed ikun hemm ipparkjati taht il-logog. Il-Kunsill qabel li ghandu jaghti ordni lill-Gwardjani Lokali biex dawn iharrku kull tip ta’ vetturi, inkluz quad bikes li jidhlu taht il-logog, wara li s-sidien taghhom ikunu gew avzati li mhuwiex permessibli li dawn il-vetturi jidhlu taht il-logog.

3.3 Il-Vici-Sindku Franco Davies saqsa dwar jekk jistax isir l-istess dwar vetturi li qed jitilghu fuq il-Fosos iz-zghar. Il-Kunsill qabel li jsiru bollards biex dan l-abbuzz ma jibqax isehh, apparti li l-Gwardjani Lokali ghandhom jiehdu azzjoni fejn jaraw abbuzi simili.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **29/05 A-B-C**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Is-Sindku Nigel Holland xtaq isaqsi dwar jekk ix-xoghol indikat fil-pagament bin-numru 7928 ghat-tindif taz-zona ta’ fuq ta’ Flagstone Wharf li jammonta ghal €700 kienx gie approvat mill-Kunsill.

Minhabba li l-Kunsillier Edward Torpiano kien gab l-approvazzjoni tal-Kunsilliera l-ohra b'mod verbali, il-Kunsill qabel li dan il-pagament ghandu jsir.

**Nota: Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

4.3 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti, bir-rizultat:

Favur: 3 (NH, FD, ET)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.4 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku Nigel Holland, mill-Kunsillier Edward Torpiano u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**NOTA: Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni biex tinbidel l-ordni tal-agenda, billi jigu diskussi materji nru 14 u 5 qabel il-materji li jmiss. Il-Vici-Sindku Franco Davies issekonda din il-mozzjoni, li giet approvata b'mod unanimu**

## 14. L-Indafa fil-Floriana

14.1 Is-Sindku Nigel Holland irrefera ghal rapport li sar mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika fejn iz-zona ta' Flagstone Wharf kienet mimlija skart u hmieg iehor. Is-Sindku Nigel Holland spjega li dan huwa inaccettabbli ghaliex uhud mill-iskart jidher li kien ilu hemm granet u gimghat shah meta suppost li jsir tindif darbtejn fil-gimgha.

14.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li l-kuntrattur kien qallu li kien ghadu kemm ghamel tindifa generali f'dik iz-zona xi hmistax il-jum qabel. Is-Sindku Nigel Holland sosnta li jekk skond il-kuntratt hemm bzonn li jsir tindif aktar regolari, allura ghandhom jitnaqqas il-hlas ta' meta ma sarx it-tindif.

14.3 Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot biex jitnaqqas l-ammont ta' €40 mill-hlas tax-xahar ta'Awwissu lill-kuntrattur Leli Spiteri, bir-rizultat tal-mozzjoni jkun:

Favur: 3 (NH, FD, ET)
Kontra: 0
Astensjonijit: 0

14.4 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob lill-kuntrattur *work schedule* ta' kif qed jitqassam it-tindif li jsir fil-Floriana biex b'hekk il-Kunsill ikun infurmat bil-mod kif qed isir it-tindif fil-lokalita' u jkun jista' wkoll izomm kontroll ahjar.

## 5.0 FlorianaFest 2009

5.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Kunsillier Edward Torpiano jaghti rendikont tal-programm tal-FlorianaFest ta' din is-sena.

5.2 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq il-programm bil-lista tal-kantani u zeffiena li ser jiehdu sehem, bl-ispiza totali taqbez il €2500.

5.3 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa biex isir tentattiv mill-Kunsilier Edward Torpiano biex titnaqqas l-ispiza. Il-Kunsill qabel nem.con biex jitnaqqsu mill-programm is-servizzi ta' Mithras Sword Fithing Club u New Cuori. Intant, minflok ghandu jsir tentattiv biex tingieb ir-rebbieha tal-Eurovision Song Contest, il-kantanta Chiara Siracusa.

5.4 Is-Sindku Nigel Holland ippropona lill-Monsinjur Dun Victor Zammit McKeon ghall-premju "Gieh il-Floriana" li jigi moghti fil-FlorianaFest. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

5.5 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa biex isir trofew bl-isem ta' Gieh il-Floriana u fuqu jitnizzlu l-ismijiet li rebhu dan l-unur s'issa. Il-Kunsill approva.

**Nota: Il-Vici-Sindku Franco Davies talab li jkun skuzat u ghaldaqstant minhabba nuqqas ta' kworum, il-laqgha kellha tieqaf fit-8.30pm**

**Il-kontinwazzjoni tal-Erbgha u tletin (34) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana saret nhar nhar it-Tlieta 1 ta' Settembru 2009 fil-5.30pm.** Ghall-kontinwazzjoni tal-erbgha u tletin (34) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Brian Zammit u l-Kunsilliera Sandra Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat. Il-Kunsillier Brian Zammit talab li jkun skuzat wara materja no. 6.3.

## <u>6.0 Kuntratt taz-Zamma tal-Gonna u Latrini Pubblici</u>

6.1 Is-Sindku Nigel Holland talab biex din il-materja tkun fuq l-agenda minhabba l-hafna nuqqasijiet tal-kuntrattur fir-rigward taz-zamma tal-funtani tal-Gnien Re Gorg V u tal-latrini fost ohrajn.

6.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li ma kienx ser jaccetta li l-kuntrattur jippretendi li l-Kunsill ghandu jikkuntattjah meta jkun hemm xi nuqqas minflok jimmultah. Is-Sindku Nigel Holland sostna li l-kuntrattur jaf x'inhuma ir-responsabbiltajiet tieghu u ghaldaqstant ghandu l-obbligu jaghmel xoghol sew mill-ewwel u mhux jistenna lill-Kunsill jigbidlu l-attenzjoni dwar xi nuqqasijiet.

6.3 Is-Sindku Nigel Holland kompla jsostni li l-Kunsill m'ghandux ghalfejn joqghod jigri wara l-kuntrattur u jghidlu x'ghandu jaghmel ghar-raguni li l-kuntratt tieghu diga jobbligah u juri x'inhu mistenni minnu. Is-Sindku Nigel Holland sostna li jinsab imxebba' bl-istat ta' ndafa tal-funtani, partikolarment ta' dik tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

6.4 Il-Vici-Sindku Franco Davies gibed l-attenzjoni li huwa innota wkoll li l-latrini mhux qed ikunu nodfa kif suppost u gibed l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar dan.

6.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni biex il-Kunsill jitlob lill-kuntrattur icedi parti mill-kuntratt li tirrigwardja z-zamma tal-funtani kif ukoll tal-latrini, u li f'kaz li l-kuntrattur ma jaqbilx ma' dan, il-Kunsill ghandu jitterminalu l-kuntratt u johrog sejha ghal kuntratt gdid b'effett immedjat.

**<u>Nota: Il-Kunsillier Brian Zammit talab li jkun skuzat.</u>**

6.6 Il-Vici-Sindku Franco Davies ressaq kontro mozzjoni, ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, biex il-Kunsill jitlob lill-kuntrattur icedi parti mill-kuntratt li tirrigwardja z-zamma tal-funtani kif ukoll tal-latrini, u li f'kaz li l-kuntrattur ma jaghmilx dan il-Kunsill jerga' jiddiskuti din il-materja biex tittiehed decizjoni. Ittiehed vot favur il-kontra mozzjoni mressqa mill-Vici-Sindku Franco Davies bir-rizultat:

Favur: 2 (FD, SSH)
Kontra: 2 (NH, ET)
Astensjonijiet: 0

6.7 Wara ttiehed vot favur il-mozzjoni mressqa mis-Sindku Nigel Holland f'6.5, bir-rizultat:

Favur: 2 (NH, ET)
Kontra: 2 (FD, SSH)
Astensjonijiet: 0

6.8 Is-Sindku Nigel Holland ghamel uzu mill-casting vote biex il-kontra mozzjoni tal-Vici-Sindku m'ghaddietx u biex ir-rizoluzzjoni tas-Sindku giet approvata. Ghaldaqstant, il-Kunsill qabel li ghandu jidhol f'diskussjonijiet mal-kuntrattur biex icedi z-zamma tal-funtani u tal-latrini pubblici u f'kaz li ma jintlahaqx ftehim fi zmien ghaxart'ijiem, il-Kunsill ghandu johrog kuntratt gdid ghaz-zamma tal-funtani u tal-latrini pubblici.

## 7.0 L-Użu tas-Soft Area ta' Triq il-Fosos

7.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill dwar il-fatt li l-Kunsill qed jigi assedjat b'numru ta' ilmenti dwar l-uzu tas-soft area ta' Triq il-Fosos. Is-Sindku Nigel Holland fakkar li l-Kunsill precedenti kien ta permess lill-resident biex jiehu hsieb iz-zamma ta' din is-soft area, li izda skond ir-residenti din iz-zona qed tigi uzata b'mod abbuzziv u ta' inkonvenjent taghhom.

7.2 Is-Sindku Nigel Holland fakkar li l-Kunsill kien diga avza darbtejn ohra bil-miktub lil din il-persuna dwar l-ilmenti li l-Kunsill kien qed jircievi u fejn kien gie mitlub inehhi xi annimali li qed izomm f'din il-parti.

7.3 Is-Sindku Nigel Holland kompla li wara li nghata cans bizzejjed u minhabba l-ammont kbir ta' ilmenti mir-residenti, qed iressaq mozzjoni biex "*il-Kunsill jinforma lil din il-persuna li l-ftehim li kien hemm mal-Kunsill gie revokat b'effett immedjat u li ser jinghata gimghatejn cans biex inehhi kull oggett proprjeta' tieghu inkluzi l-annimali minn din iz-zona. Fin-nuqqas ta' dan, il-Kunsill jiehu passi biex inehhi dan il-materjal ghas-spejjez tieghu.*"

7.4 Il-Kunsillier Edward Torpiano issekonda din il-mozzjoni li giet approvata b'mod unanimu.

## 8.0 Zjara tas-Socjeta Filarmonika Vilhena f'Macerata

8.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq din il-materja fuq l-agenda ghaliex fid-data tal-laqgha originali din iz-zjara kienet ghadha ma sehhitx u biex jara li kollox kien miexi skond il-pjanijiet. Is-Sindku Nigel Holland kompla li sadanittant iz-zjara saret u gie infurmat li din kienet wahda ta' success fejn il-banda tal-lokalita' taghna iffirmat ftehim ta' gemellagg mal-banda ta' Macerata, apparti li daqqet fit-toroq u pjazez ta' din il-belt li zgur kien mument straordinarju ghall-istorja tal-banda taghna.

8.2 Bhala kap tad-delegazzjoni li marret Macerata fl-okkazjoni taz-zjara tal-banda Vilhena f'Macerata, il-Vici-Sindku Franco Davies issuggerixxa biex l-Kunsill ghandu jikteb lill-Comune di Macerata u jirringrazzjahom ghall-ospitalita' taghhom li izda ghandu wkoll b'mod diplomatiku isemmi l-problemi li inqalghu fil-bidu taz-zjara.

8.3 Is-Sindku Nigel Holland ha l-opportunita' biex jirringrazzja lill-Vici-Sindku Franco Davies u lill-Kunsillier Edward Torpiano tal-hidma li wettqu f'din iz-zjara u tal-mod kif solvew id-diffikultajiet li nqalghu.

8.4 Is-Sindku Nigel Holland sostna li l-Kunsill flimkien mas-sotto-kumitat fi hdan il-Kunsill, ghandu jevalwa l-possibilta' biex il-banda ta' Macerata tingieb idoqq fil-lokalita' taghna, imma dan ghandu jsir b'responsabbilta' u konsapevolezza tal-limitazzjonijiet finanzjarji.

## 9.0 Riżoluzzjoni specjali : Attivita' Kunsill Lokali Floriana/Floriana Young Stars Hockey Club

9.1 Is-Sindku Nigel Holland irrefera ghar-rizoluzzjoni specjali mressqa minnu u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, liema rizoluzzjoni giet mghoddija lis-Segretarju Ezekuttiv li ccirkola mal-avviz tal-laqgha.

9.2 Is-Sindku Nigel Holland qara din ir-rizoluzzjoni u talab biex tinbidel id-decizjoni mehuda fil-laqgha precedenti billi flok sehem il-Kunsill ikun ta' €700, dan ghandu jkun ta' €932 minhabba li l-ispiza ghal din l-attivita' kienet ikbar minn dik prevista. Wara li tressqet mozzjoni mis-Sindku Nigel Holland u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur din ir-rizoluzzjoni, bir-rizultat:

Favur: 4 (NH, FD, ET, SSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 10.0 Lejlet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna

10.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-koorindatur maghzul mill-Kunsill ghal din l-attivita', is-Sur Noel Castillo f'isem Leon Promotions, kien ghadu qed jistenna twegiba definittiva dwar il-Kunsill ghandux intenzjoni li jorganizza l-attivita' ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna.

10.2 Is-Sindku Nigel Holland sostna li s-somma pproposta fl-offerta tal-Leon Promotions kienet wahda eccessiva u li l-Kunsill ma setax jerfa' dak il-piz finanzjarju wahdu. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Nigel Holland ippropona li ghal din l-ewwel edizzjoni, il-Kunsill ghandu jalloka somma ta' €12,000 u f'kaz li jingiebu xi sponsors jew ghotjiet minn skemi ohrajn, dawn jizdiedu mas-somma allokata biex l-attivita' tkun aktar rikka.

10.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano biex il-Kunsill jalloka €12,000 biex jaghmel l-attivita' tac-celebrazzjonijiet ta' lejlet l-ewwel tas-sena fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill approva din il-mozzjoni b'mod unanimu.

10.4 Ghaldaqstant, is-sotto-kumitat responsabbli mill-organizazzjoni ta' din l-attivita' ghandu jaghmel laqgha mal-organizzatur halli jigi iffissat il-programm ta' attivitajiet li m'ghandux jaqbez l-ispiza ta' €12,000.

## 11.0 Xoghlijiet ta' Resurfacing

11.1 Is-Sindku Nigel Holland ippropona biex wara li fil-laqgha tal-Kunsill precedenti gie deciz biex isir xoghol ta' resurfacing fil-parti ta' Triq is-Suq (bejn Triq Macerata u Triq l-Imhazen) qed jipproponi biex issir il-parti li hemm fit-tarf l-iehor ta' l-istess triq peress li skond it-talba originali tal-kunsilliera Sandra Sammut Hili kienet qed tirreferi ghal din il-parti tat-triq.

11.2 Il-Kunsill qabel unanimament biex isiru dawn ix-xoghlijiet ta' resurfacing filwaqt li jsir xoghol ta' patching fiTriq il-Miratur, in-naha ta' bejn Triq l-Imhazen u Triq il-Kappuccini u fi Triq l-Imhazen kantuniera ma' Triq San Tumas.

11.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili gibdet l-attenzjoni dwar il-bzonn ta' resurfacing fil-parti ta' Lascaris Wharf. Is-Segretarju Ezekuttiv Kenneth Brincat gibed l-attenzjoni li l-ispiza ghal dan ix-xoghol

titla' bejn €10,000 u €14,000. Il-Kunsill iddecieda biex dan ix-xoghol ghal din it-triq tibqa' fil-waiting list peress li hemm zoni ohrajn li jisthoqqilna prijorita' akbar.

## 12.0 Manutenzjoni ta' roqgħa art fi Triq il-Fosos

12.1 Is-Sindku Nigel Holland gibed l-attenzjoni li din il-materja tressqet fuq l-agenda bi zball peress li din il-materja kienet diga fuq l-agenda taht titlu iehor f'materja nru 7 u li d-diskussjoni dwarha diga saret.

## 13.0 Għazla ta' Kwotazzjonijiet/Offerti:

### 13.1 FLC/Q/07/09 – Provvista u Twahhil ta' Cast Iron Bollards

13.1.2 Wara li l-Kunsill irrisolvu ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti fejn dan evalwa l-offerti kif ukoll l-kampjuni ta' bollards li gew ipprezentati fl-offerti , il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tintghazel l-orhos offerta', jigifieri dik sottomessa minn Alberta Co Ltd ghal mudell li jiswa €47.11 –il wiehed. Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta qed tinghata ghall-provvista biss, filwaqt li ghandha tohrog sejha ohra ghat-twahhil.

### 13.2 FLC/Q/08/09 – Provvista ta' PA System

13.2.1 Wara li l-Kunsill irrisolva ruhu f'Kumitat tal-Ghazla tal-Offerti fejn dan evalwa ir-rapport tal-espert mqabbad mill-Kunsill, il-Kunsill qabel unanimament biex tintghazel l-offerta' ta' Alberta Co Ltd kif gie irrakkomandat mill-espert tekniku.

## 15.0 Proposta ta' żvilupp fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V

15.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li rcieva proposta mis-sidien tat-Tom's Bar ghall-uzu ta' parti mic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V biex tintuza bhala winebar.

15.2 Il-Kunsill iddecieda biex qabel tittiehed decizjoni ghandu jikteb lid-Dipartment tal-Artijiet fejn ghandu jintalab permess ghal-*subletting* ta' din il-parti.

15.3 Il-Kunsill iddecieda biex f'kaz li d-Dipartiment tal-Artijiet ma jsibx oggezzjoni, il-Kunsill ghandu jiftah id-diskussjonijiet mas-sidien li talbu din iz-zona.

15.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili xtaqet tiddikjara li hija kontra li din id-decizjoni tal-Kunsill msemmija f'15.3.

## 16.0 Ħwejjeġ oħra

16.1 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili infurmat lill-Kunsill bit-talba tal-Floriana Nursery FC li talbu lill-Kunsill jekk jistax jaghlaq il-culvert li hemm mal-hajt tal-Income Tax b'xi gradilja tal-hadid. Il-Kunsill qabel li ghandu jgib stima qabel jiehu decizjoni dwar dan.

16.2 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili infurmat lill-Kunsill bit-talba tal-Floriana Nursery FC li talbu lill-Kunsill japplika mal-Enemalta biex jizdiedu zewg lampi fil-vicinanzi tal-grawnd peress li z-zona mhijiex imdawwla bizzejjed. Il-Kunsill qabel unanimament biex titressaq it-talba lill-Enemalta u li f'kaz din tigi approvata, l-Kunsill jiehu hsieb it-twahhil tal-lampi.

16.3 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili pproponiet li ghandhom jitwahhlu tlett bins mal-hajt tad-Dipartiment tal-Income Tax biex jitnaqqas l-iskart li qed jigi mormi mal-art. Il-Kunsill accetta li jsiru dawn il-bins b'kundizzjoni li l-Floriana Nursery FC jaccettaw li jiehdu hsieb li jbattluhon fl-iskip li diga qed jipprovdilhom il-Kunsill.

**<u>Nota: Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.</u>**

16.4 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili issuggeriet biex it-toroq u l-bankini kollha jinhaslu permezz ta' bowser u dan minhabba l-irwejjah li qed ikun hemm f'certu toroq. Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi diskussa iktar fid-dettal.

16.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili pproponiet li ghandha titnehha t-targa li saret fi Triq il-Konservatorju. Il-Kunsillier Edward Torpiano ghamel riferenza ghall-memo dwar l-istess suggett li kienet giet approvata. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jinforma lill-persuna li ghamlet din it-targa biex inehhi din it-targa fi zmien ghaxart' ijiem, altrimenti jkun il-Kunsill li jnehhi din it-targa ghas-spejjez tieghu.

16.6 Il-Vici-Sindku Franco Davies fakkar lill-Kunsill fil-handrail li kellu jitwahhal mat-tarag ta' bejn Triq il-Miratur u Pjazza Sir Luigi Preziosi. Ix-xoghol ghal dan il-handrail kien ordnat u li kellu jsir fil-jiem li gejjin.

Il-laqgha ntemmet fit-7.45pm

Nigel Holland
Sindku

Kenneth Brincat
Segretarju Ezekuttiv